TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1520

KAZ Nru 1623.

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Bezzina

u

San Lawrenz Leisure Resort

Dwar tkeccija mill-impieg allegat li hi ngusta.

6 ta' Lulju, 2004

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

## INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 13ta' Frar, 2002 Ref MSP/TI/20/2002 biex tigi processata skond l-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Anthony Bezzina, li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Leslie Cuschieri u ghas-Socjeta' intimata deher is-Sur Joseph Baldacchino assistit mill-Avukat Pierre Lofaro.

## FATTI TAL-KAZ

L-appellant jghid kien gie impjegat mal-Kumpanija San Lawrenz Lesuire Resort Ltd. f'Gunju 2000 u kien jahdem bhala waiter, jservi f'diversi outlets tal-lukanda u gieli anki hadem back to back shifts. Huwa jghid ukoll, li fil-passat ix-xoghol tieghu kien apprezzat kemm mill-klijienti kif ukoll mill-management tal-lukanda. Huwa jghid ukoll, li ghalih il-

problemi bdew meta l-General Manager iritira u sakemm inhatar iehor gdid il-lukanda kienet imexxija minn Acting General Manager li ma kellux grazzja mieghu. Fl'istqarrija tal-kaz l-appellant jghid ukoll, li beda jigi moghti split shifts u shifts ohra maqsumin li kienu jkunu ta' kuljum u differenti mill-haddiema l-ohra, kif ukoll li l-attitudini tal-Acting General Manager kienet tali sabiex iddejjqu u jitlaq minn jeddu mill-impieg. Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant isemmi incident ta' hruq tal-mejda fejn jghid li ma kienx tort tieghu, izda kellu jiffirma twissija bil-miktub ghax gie mhedded li jigi mkecci. L-appellant jispjega li l-incident li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kien li fil-gimgha ta' l-ewwel tas-sena gie moghti time schedule differenti minn tas-soltu. Huwa dahal ghax-xoghol fil-31 ta' Dicembru fil-hamsa ta' fil-ghaxija u ivvolontarja biex jibqa sat-3.00 ta' fil-ghodu sabiex shabu l-haddiema jitilqu fis-1.00 hrs u jmorru jgawdu. Huwa jghid ukoll, li fl-ewwel tas-sena kien minghalih li kellu jerga jibda xoghol fil-5.00 ta' fil-ghaxija, ghalhekk mar il-quddies tas-siegha, izda fil-frattemp ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar ir-receptionist tal-lukanda cemplet id-dar fejn sabet lill-ommhu u qaltilha li kien suppost xoghol fis-13.30hrs. Wara li gie kkuntattjat minn ommhu permezz tal-mobile, huwa mar id-dar fejn biddel u erhiela lejn ix-xoghol. Huwa jkompli jghid, li l-ghada ircieva telefonata mill-Human Resources Manager fejn gie mitlub biex imur il-lukanda u hemm sab lis-Sur Caruana u il-General Manager il-gdid tal-lukanda fejn itterminawlu l-impieg b'effett immedjat.

Is-Socjeta ntimata da parti taghha tghid, li l-impieg ta' l-appellant kien regolat permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Novembru, 2000 u l-attegjament kien wiehed legger, ta' spiss kien jasal tard ghax-xoghol, ma jobdix l-ordinijiet legittimi tas-superjuri tieghu, jonqos milli jirraporta incidenti rilevanti lis-superjuri tieghu u agir iehor simili.

Is-socjeta ittemm l-istqarrija tal-kaz taghha billi tghid, li l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-appellant kien meta fl-1 ta' Jannar, 2002, huwa naqas li jirraporta ghax-xoghol u ghalhekk wara sensiela ta' twissijiet f'numru konsiderevoli ta' okkazzjonijiet il-Kumpanija ma kelha l-ebda triq ohra ghajr li titterminalu l-impieg.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit, li l-appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta San Lawrenz Resort Limited fit-23 ta' Novembru, 2000 u l-impieg tieghu gie tterminat fit-2 ta' Jannar, 2002.

Quddiem it-Tribunal Industrijali il-management ghamel riferenza ghall xi kazi ta' dixxiplina li l-appellant kellu fil-passat. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kien meta fl'1 ta' Jannar 2002, huwa mar tard ghax-xoghol. Mill-provi jrrizulta wkoll, li it-time schedule li giet moghtija lill-appellant ghall dik il-gimgha ta' xoghol kienet differenti minn tas-soltu u kienet ukoll minghajr hinijiet. L-appellant jghid fix-xhieda tieghu, li dan wassal biex tfixkel fil-hinijiet tax-xoghol. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-Kumpanija kkuntattjat lill-appellant li suppost dahal xoghol fis-1.30 u kien ghadu ma dahalx, huwa kien pront li dahal ghax-xoghol u spjega li gie sgwidat mit-time schedule li kienet minghajr hinijiet tax-xoghol.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li l-aktar li jinterssa lit-Tribunal Industrijali huwa l-kaz li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant u jekk il-kaz inkwestjoni kienx jimmerita terminazzjoni ta' l-impieg.

F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li l-kawza li wasslet ghat-terminazzjoni ta'l-impieg kien il-kaz li l-appellant mar tard ghax-xoghol fl'1 ta' Jannar 2002. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li f'din il-gimgha l-appellant gie moghti time schedule differenti minn tas-soltu u liema time schedule ma kienitx tinkludi l-hinijiet li ghandhu jibda u jispicca x-xoghol. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li ghalkemm il-management ghandu dritt jibdel it-time schedule pero in-nuqqas li ma tistabillixxix il-hinijiet tax-xoghol setghat ikkontribwit biex holqot id-dizgwid li l'appellant wasal tard ghax-xoghol. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li kien hemm ukoll nuqqas minn naha tal-management, ghar-raguni li normalment f'kull

post tax-xoghol biex ma jkunx hemm l-ebda dizgwid, it-time schedule tinkludi l-hinijiet ta' meta l-haddiem ghandu jibda u jispicca l-hin tax-xoghol tieghu.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema u evalwa x-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li l-management setgha fid-decizjoni tieghu ha nkonsiderazzjoni li l-appellant gie moghti time schedule differenti minn tas-soltu minghajr ma kienet tindika l-hinijiet specifici tax-xoghol u li kienet il-kawza li fixklet lill-appellant il-hin li kellu jirraportra ghax-xoghol tieghu. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li l-kaz ta' dixxiplina ma kienx jimmerita dik estrema ta' terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal Industrijali, wara li ha l-konsiderazzjonijiet kollha tal-kaz jiddeciedi, li fic-cirkostanzi l-appellant m'ghandux jinghata l-impieg lura, izda ghandu jithallas kumpens mill-Kumpanija lill-appellant li jammonta ghas-somma ta' LM430 (erba' mija u tletin lira Maltija).

Dan il-kumpens ta' LM430(erba' mija u tletin lira Maltija) ghandu jithallas mill-Kumpanija lill appellant sa nhar il-gimgha 30 ta' Lulju, 2004.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.

Harold Walls — Chairman

Vince Micallef — Segretarju